# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Ottubru, 2015

**Talba Nru: 705/15 DMA**

**GO plc**
**C 22334**

**Vs**

**Fitouri Mohamed Fitouri Mesbah**
**ID 28108L**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-1 ta' Settembru, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija , tmienja u ghoxrin ewro u erba' centezmi (€328.04) liema ammont huwa in konnessjoni ma` servizzi ta' internet fuq in-numru DSL-21255755 fuq l-akkont li jgib in-numru A/C40047997 moghtija mis-Socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY 2 - prospett u ftehom ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 - estratt mir-

Registru Elettorali u Dok IZY 4 - kopja tal-ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas izda baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut, bl-ingunzzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikat baqa` ma deherx u lanqas ipprezenta risposta ghat-talba mitluba kontrih.

Dehret Charmaine Psaila Wiffen ghas-socjeta' attrici li `kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont ta` tlett mija , tmienja u ghoxrin ewro u erba' centezmi (€328.04) ghadu dovut fl-intier tieghu.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta' tlett mija , tmienja u ghoxrin ewro u erba' centezmi (€328.04) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata  sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza u d-drittijiet jkunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**